ŻABBAR
*Città Hompesch*

**Minuti tat-360 laqgħa tal-Kunsill li saret nhar**
**l-Erbgħa, 23 ta' Settembru 2009**

Il-laqgħa bdiet fis-6.35 ta' filgħaxija b'talba. Is-Sindku s-Sur Domenic Agius ippresieda l-laqgħa.

Item 1 – Attendenza u Apoloġiji

Preżenti kienu s-Sindku s-Sur Domenic Agius, il-Viċi-Sindku s-Sur John Pace, u l-Kunsillieri s-Sur Joseph Buttigieg, is-Sur Mark Grech, is-Sur Joseph Bonnici, is-Sur Keith Pisani, is-Sur Robert Buhagiar, is-Sur Frans Catania u s-Sinjura Anna Calleja.

Item 2 – Approvazzjoni tal-Minuti

Fuq proposta tas-Sur Buhagiar li ġiet issekondata mis-Sur Bonnici, il-Kunsill approva unanimament il-minuti tat-359 laqgħa.

Item 3 – Mistoqsijiet u Affarijiet mill-Minuti

Is-Sur Catania staqsa dwar il-lista ta' xogħol ta' *patching* li sar fit-toroq ta' Ħaż-Żabbar matul ix-xhur Jannar – Lulju 2009. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li din il-lista kienet ser tiġi preżentata f'laqgħa oħra.

Is-Sur Catania staqsa jekk il-Kunsill kienx kiteb mil-ġdid lid-Dipartiment tas-Sanita' kif ukoll lill-MEPA dwar il-ħtieġa li titnaddaf Misraħ San Nikola li parti sostanzjali minnha hija proprjeta' privata. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb fl-affermativ.

Is-Sur Buttigieg staqsa jekk il-Kunsill irċieviex risposta mingħand l-Awtorita' Dwar it-Trasport ta' Malta dwar l-art ta' maz-*zebra crossing* fi Triq tal-Labour. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb fin-negattiv.

Dwar it-trasferiment ta' fondi fl-estimi annwali, s-Sur Bonnici qal li l-Kunsill kien mexa bil-għaqal fl-infieq taħt il-vot Safar u Vvjaġġar biex kien possibli li jiġu trasferiti €10,000 minn dan il-vot.

Item 4 – Minuti tas-Sotto Kumitati

Inqraw il-minuti tas-Sotto Kumitat Ġemellaggi, Skambji u Indafa Pubblika. Dawn ġew approvati unanimament mill-Kunsill fuq proposta tas-Sur Grech li ġew issekondati mis-Sinjura Calleja.

Item 4 – Korrispondenza

Inqrat korrispondenza mibgħuta mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali dwar ir-Reġjun tax-Xlokk bi strateġija favur iż-Żgħażagħ u l-Ambjent, kif ukoll dwar l-elezzjoni biex jinħatar Eżekuttiv ġdid tal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali li ser issir nhar is-Sibt, 10 ta' Otttubru 2009.

Inqrat Memo 51/2009 mibgħuta mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar Proċedura għall-Elezzjonijiet għall-Kumitat Eżekuttiv tal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali li ser issir nhar is-Sibt, 10 ta' Ottubru 2009.

Inqara avviż mill-Kummissjoni Elettorali dwar l-elezzjoni biex jinħatar Kumitat Eżekuttiv ta' l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali. Flimkien mal-avviż inbgħatet il-formola ta' applikazzjoni għall-elezzjoni tal-Kumitat Eżekuttiv tal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mill-Awtorita' Dwar it-Trasport ta' Malta dwar sinjali li saru fi Triq il-Luq fejn il-Kunsill ġie mitlub ineħħi dawn is-sinjali. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Grech il-Kunsill qabel unanimament li jinforma lill-Awtorita' li dawn is-sinjali ma sarux mill-Kunsill.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mill-*Marketing/Events Manager* tal-kumpless *Baystreet* fejn irringrazzja lill-Kunsill għall-attivita' li saret fid-29 ta' Awwissu 2009.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mill-Membru Parlamentari Laburista l-Onorevoli Dr Michael Falzon fejn irringrazzja lis-Sindku, l-Viċi-Sindku u l-Kunsilliera talli għoġobhom jiltaqgħu miegħu.

Inqrat korrispondenza oħra mibgħuta mill-Membru Parlamentari Laburista l-Onorevoli Dr Michael Falzon fejn irringrazzja lill-Kunsill għall-istedina għar-riċeviment li sar il-Ġimgħa, 11 ta' Settembru 2009 u nforma lill-Kunsill li ma kienx possibli għalih illi jattendi minħabba li kien msiefer.

Item 5 – Xogħol tal-Kunsill

Approvazzjoni ta' Finanzi

Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq għall-approvazzjoni tal-Kunsill is-*schedule of payments* għall-perjodu ta' bejn it-28 ta' Awwissu, 2009 u it-23 ta'Settembru, 2009 li kien jammonta għal €36,164.31. Dan ġie approvat unanimament fuq proposta tas-Sur Buttigieg li ġiet issekondata mis-Sur Bonnici.

Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq ukoll quddiem il-Kunsill il-*petty cash expenditure* għax-xahar ta' Awwissu 2009 li kien jammonta għal €76.07. Dan ukoll ġie approvat unanimament fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Buttigieg.

Is-Sur Grech informa lill-Kunsill li kien qed jirrinunzja għall-kariga ta' Viċi-*Chairman* tas-Sotto Kumitat għall-Indafa Pubblika.

Is-Sur Bonnici ppropona li s-Sotto Kumitat għall-Indafa Pubblika u s-Sotto Kumitat għall-Ġemellaġġi u Skambji jsiru Kumitat wieħed responsabbli mill-Ġemellaggi, Skambji u Indafa Pubblika. Is-Sindku ssekonda l-proposta tas-Sur Bonnici u l-Kunsill qabel unanimament.

<u>Item 6 – Affarijiet Oħra</u>

Is-Sur Catania tkellem dwar is-seminar li sar għal lokalitajiet fix-Xlokk ta' Malta u ssuġġerixxa li l-Kunsill jistieden li-Sinjura Adriana Vella mill-fondazzjoni BICREF biex tagħmel preżentazzjoni dwar il-konservazzjoni Bioloġika.

Is-Sur Catania qal li fi Triq Wied il-Għajn kien qed joħroġ l-ilma u dan kien riżultat tax-xogħol li kien sar mill-kumpanija *Polidano Bros.*

Is-Sur Catania staqsa dwar meta kien se jitkompla x-xogħol ta' *resurfacing* fi Triq G. Agius Muscat. Is-Sindku qal li dan ix-xogħol kien ser jitkompla fi żmien qasir.

Is-Sur Catania tkellem dwar it-*tender* tal-iskart u dwar il-ħtieġa li jsiru aktar *Bring-In-Sites*. Is-Sur Bonnici qal li dwar dawn iż-żewġ servizzi kienu qed isiru diskussjonijiet bejn dawk involuti.

Is-Sur Catania semma l-bżonn li jitnaddfu l-funtani u *s-soft areas* ta' Misraħ tal-Madonna Medjatriċi.

Is-Sinjura Calleja tkellmet dwar il-ħtieġa li jsir tibdil fi-Sotto Kumitat għan-Nisa u Tfal peress illi s-Sur Tarcisio Tabone u s-Sinjura Josephine Tabone ma kienux aċċettaw in-nomina biex jiffurmaw parti mis-Sotto Kumitat minħabba li kellhom impenji oħra. Is-Sinjura Calleja ppproponiet li minflok dawn iż-żewg persuni jinħatru s-Sinjura Rita Desira u s-Sur Manuel Calleja. Is-Sur Buttigieg ssekonda l-proposta tas-Sinjura Calleja u l-Kunsill qabel unanimament.

Is-Sinjura Calleja qalet li qed ikun hemm ħmieġ tal-klieb madwar l-iskola u ppproponiet li jsiru *bins* tal-klieb fi Triq l-Iskola. Is-Sur Buttigieg issekonda l-proposta tas-Sinjura Calleja u l-Kunsill qabel unanimament.

Is-Sinjura Calleja semmiet il-ħtieġa li jsir *patching* fi Triq is-Santwarju kif ukoll li tiġi rranġata parti mill-kurduna tat-triq.

Is-Sur Buttigieg qal li fi Sqaq l-Għargħar hemm ħafna ħofor u jeħtieġ li dan l-isqaq jiġi rranġat.

Is-Sur Buttigieg semma ukoll il-ħtieġa li jiġu rranġati l-i*spot lights* li hemm maz-*zebra crossings* fi Triq tal-Labour u ta' Misraħ tal-Madonna Medjatriċi.

Is-Sur Buttigieg talab li kemm jista jkun malajr issir il-grada tal-ħadid madwar il-monument ta' G Agius Muscat fi Triq is-Santwarju.

Is-Sur Buttigieg semma l-bżonn li l-kenniesa jnaddfu aktar ħdejn l-iskola Santa Klara fi Triq il-Vulcan.

Is-Sur Buttigieg semma l-bżonn li jsir *patching* fi Triq iċ-Ċawsli u fi Triq il-Kunvent ma Triq id-Dukkar.

Is-Sur Buttigieg issuġġerixxa li l-funtana ta' Misraħ is-Sliem tiġi mdawwra bil-ħadid.

Is-Sur Grech irringrazzja lil dawk kollha li ħadu ħsieb l-indafa matul il-ġranet tal-festa. Is-Sur Grech ppropona li tintbgħat ittra ta' ringrazzjament lill-kuntratturi li kienu responsabbli minn dan it-tindif. Is-Sinjura Calleja ssekondat il-proposta tas-Sur Grech u l-Kunsill qabel unanimament.

Is-Sur Buhagiar talab li tinkiteb ittra lill-kumpanija *Green Lines* fejn il-Kunsill juri d-diżappunt tiegħu għas-servizz ta' kiri ta' *mobile toilets* li ġie mgħoti mill-kumpanija fil-jiem tal-festa.

Is-Sur Buhagiar informa lill-Kunsill li l-korsijiet ta' tagħlim baziku fil-Malti u l-Ingliz kienu ser jibdew minn nhar il-Ħamis, 8 ta' Ottubru 2009.

Is-Sur Buhagiar qal li kienet ser tiġi ffisata ġurnata biex issir il-preżentazzjoni taċ-ċertifikati lill dawk li attendew għal-korsijiet organizzati mill-Kumpanija TCTC.

Is-Sur Buhagiar semma wkoll li wħud mill-istudenti ma kienux sodisfatti mill-korsijiet tal-kompjuter li attendew għalihom.

Is-Sur Buhagiar ippropona li l-lezzjonijiet tal-*Aerobics* isiru fis-sala tal-Kapillan minn nhar il-Ġimgħa, 2 ta' Ottubru 2009 u li l-Kunsill iħallas €20 għall-uzu tas-sala. Is-Sur Buttigieg issekonda l-proposta tas-Sur Buhagiar u l-Kunsill qabel unanimament.

Fis-7.40 ta' filgħaxija s-Sur Catania talab li jkun skużat.

Is-Sur Buhagiar issuggerixxa li l-Kunsill jagħmel laqgħa mad-diriġenti tas-*St.Patrick's Football Nusery Club* peress illi dawn qed jitolbu li ssir laqgħa mal-Kunsill.

Is-Sur Bonnici xtaq jirringrazzja lill-Kunsill f'isem id-delegazzjoni minn *Eschborn* għall-ospitalilta' li ngħatat fil-ġranet tal-festa.

Is-Sur Bonnici semma l-ħtieġa li jiġu rranġati tabelli ta' *traffic lights* li hemm fi Triq Mina ta' Hompesch peress li dawn qegħdin fil-baxx.

Is-Sur Bonnici semma l-ħtieġa li ċ-Ċentru Ċiviku jinzamm fi stat nadif. Is-Sur Buttigieg issuġġerixxa li jitpoġġew iktar *bins* fil-bitħa tal-Kunsill.

Is-Sur Pace talab li jsiru *bollards* u pjanti ħdejn il-monument ta' l-ex President tar-Repubblika Agatha Barbara fi Triq is-Santwarju.

Fis-7.50 ta' filgħaxija s-Sinjura Calleja talbet li tkun skużata.

Is-Sur Pace informa lill-Kunsill li kienu qed jiġu rregistrati d-dettalji tar-residenti li ser jieħdu t-titqieba kontra l-influwenza.

Is-Sur Pace irringrazzja lill-Kunsill għall-attivita' li saret għall-persuni bi bżonnijiet speċjali u qal li din l-attivita' kienet apprezzata ħafna minn dawk li attendew għaliha.

Il-laqgħa spiċċat fit-8.00 ta' filgħaxija.

Duncan Busuttil
Segretarju Eżekuttiv

Dawn il-minuti ġew approvati fit-361 laqgħa li saret nhar l-Erbgħa, 21 ta' Ottubru 2009.

Domenic Agius
Sindku